MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 537/2003/1

**Brian Theuma**

**v.**

**Chris Cachia f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza
tas-socjeta` Distinct Conversions Limited (C-17785)**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` D Limited gia` Distinct Group Limited u qabel Distinct Conversions

Limited (C-17785) minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi in data tal-14 ta' Ottubru 2004 li permezz taghha, dik il-Qorti laqghet l-ewwel talba, kif dedotta, astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba in kwantu rritenietha intempestiva, illiberat lill-konvenut Chris Cachia personalment mill-osservanza tal-gudizzju, u laqghet *in parte* t-tielet u r-raba' talba attrici, ikkundannat biss lis-socjeta` konvenuta Distinct Conversions Limited thallas lill-attur is-somma ta' Lm12,423.72c, bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet esegwiti mill-attur fuq inkariku moghti lilu mis-socjeta` konvenuta, u fl-ahharnett cahdet il-hames talba attrici. L-ispejjez gudizzjarji kellhom jithallsu mis-socjeta` konvenuta surreferita. Is-sentenza appellata tghid hekk:
"Il-Qorti,

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-2 ta' Gunju, 2003, li in forza taghha, wara li ppremetta illi l-attur dahal ghal diversi kuntratti ta' appalt, bhala *sub-contractor* mas-socjeta` konvenuta, sabiex jigu ezegwiti numru ta' xogholijiet strutturali f'diversi fondi madwar Malta;

"Ippremetta illi l-attur ezegwixxa hafna mix-xoghol ordnat fil-fondi in kwistjoni fiz-zmien stipulat;

"Ippremetta illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsetx lill-attur parti mill-prezz ghax-xoghol li gie ezegwit. Anzi is-socjeta` konvenuta kwazi ppretendiet li l-attur jkompli l-appalti kollha minghajr ebda hlas;

"Ippremetta illi s-socjeta` konvenuta harget *cheques a favur* ta' l-attur in konsiderazzjoni tax-xoghol *su riferit* izda c-*cheques* ma gewx onorati;

"Ippremetta illi minhabba l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta li tottempera ruhha ma l-obbligi kontrattwali taghha, u senjatament ghall-hlas tal-prezz pattwit, l-attur ma setghax ikompli jezegwixxi x-xogholijiet, aktar ghaliex l-attur sar jaf li l-konvenuti ma jhallsux u li gew istitwiti diversi kawzi kontra taghhom ghall-kanonizzazzjoni ta' diversi debiti minghand diversi kredituri kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Ippremetta illi ghaladarba il-konvenuti ma onorawx il-ftehim ma’ l-attur billi ma hallsuhx l-kuntratti ta’ appalt suriferiti huma nulli u bla effett ghal kull fini u effett fil-ligi;

Ippremetta illi s-socjeta` konvenuta hija fi stat prekarju finanzjarju hafna u ilha f’dan l-istat ghal dawn l-ahhar snin, minkejja li baqghet topera b’mod normali u kwindi il-konvenut Chris Cachia huwa solidalment responsabbli mal-kumpanija ghall-hlas ta’ l-ammonti dovuti ghax-xoghol diga’ ezegwit mill-attur kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

“Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex;

“1. Tiddikjara li l-attur ezegwixxa xogholijiet strutturali f’diversi fondi fuq ordni tas-socjeta` konvenuta skond diversi kuntratti ta’ appalt, u li ghal tali xoghol l-attur baqa’ ma thallasx;

“2. Tiddikjara li l-konvenut Chris Cachia huwa solidalment responsabbli mas-socjeta` konvenuta ghall-hlas ta’ dawn l-appalti u dan *stante* li l-konvenut Cachia, *qua* direttur tas-socjeta` konvenuta, baqa’ jopera il-kumpanija minkejja li tinsab f’sitwazzjoni finanzjarja hazina.

“3. Tillikwida l-prezz ghax-xogholijiet ezegwiti mill-attur *okkorrendo* bl-opera ta’ *perit nominand.*

“4. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom jhallsu lill-attur dik is-somma kif likwidata.

“5. Tiddikjara l-kuntratti kollha ta’ appalt bejn l-attur u s-socjeta` konvenuta bhala xolti u dan *stante* l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta li tonora l-obbligi taghha skond l-istess kuntratti.

“Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur;

“Rat illi l-konvenut *pro et nomine* ghalkemm kien gie notifikat skond il-ligi bl-att tac-citazzjoni (liema notifika saret *a tenur* ta’ l-artikolu 187(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta), naqas li jressaq nota ta’ l-eccezzjonijiet u, ghalhekk, waqa’ kontumaci;

“Rat l-affidavit li pprezenta l-attur;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

“Semghet lid-difensur ta’ l-attur;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“L-attur jahdem bhala kuntrattur tal-bini, u diversi drabi kien gie mqabbad mis-socjeta` konvenuta bhala *sub-contractor* biex jaghmel xoghol ta’ kostruzzjoni u konverzjoni ta’ djar fuq kuntratti li kienet tiehu s-socjeta` konvenuta. Is-socjeta` konvenuta kienet hadet diversi kuntratti, anke minghand il-Gvern, ghar-restawtrazzjoni ta’ diversi binja u siti, u fuq hafna minn dawn il-progetti, is-socjeta` konvenuta kienet tinkariga lill-attur bhala *sub-contractor*, izda aktar ma beda jghaddi z-zmien aktar ma kienx isir lill-attur il-hlas relattiv, tant li l-kont totali dovut lill-attur tela’ ghal Lm55,136.22. Is-socjeta` konvenuta kienet, wara li kienu jsirulha diversi interpellazzjonijiet ghal hlas mill-attur, thallas xi haga akkont, izda l-hlas li xi kultant kien isir b’cekk, mhux dejjem kien ikun effettiv peress li hafna mic-cekkijiet ma kienux jigu onorati mill-Bank tas-socjeta` konvenuta. L-attur wera li, minghand is-socjeta` konvenuta, hu kien ircieva hlas ammontanti ghal Lm31,500, u *oltre* dan, minghand is-socjeta` konvenuta, l-attur kien ha bhala hlas *van* u diversi ghodda li gew stmati li kellhom valur ta’ Lm11,212.50. B’hekk, mis-somma reklamata ta’ Lm55,136.22, l-attur ircieva *“hlas”* f’ammont ta’ Lm42,612.50, u allura baqa’ bilanc dovut lilu ta’ Lm12,423.72. L-attur ezebixxa diversi *invoices* u *statements* biex jsostni l-pretenzjoni tieghu, u darba li l-

attur ma giex kontradett ghal dak li jirrigwarda l-progetti li hadem fuqhom u l-entita’ tax-xoghol li hu wettaq, din il-Qorti trid taccetta bhala veritier d-dettalji tax-xoghol li hu wettaq fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti ezaminat ukoll il-prezzijiet indikati mill-attur u tqieshom ragonevoli u gustifikati; *inoltre,* f’ebda stadju ma jidher li dawn gew kontestati mis-socjeta` konvenuta. Ghalkemm il-prova tal-pagament tinkombi generalment fuq id-debitur, l-attur f’din il-kawza indika l-pagamenti li sarulu biex wasal ghal bilanc li qed jirreklama f’dawn il-proceduri.

“L-attur, f’dawn il-proceduri, qed jitlob ukoll dikjarazzjoni tax-xoljiment tal-kuntratti kollha ta’ l-appalt u dan *stante* l-inadempjenza tas-socjeta` konvenuta. Din il-Qorti issibha difficcli li tilqa’ din it-talba, mehud konsiderazzjoni tal-fatt li l-attur qed jistrieh fuq il-kuntratti ta’ l-appalt biex jirreklama l-hlas dovut lilu. Huwa veru li skond l-artikolu 1068 tal-Kodici Civili, *“il-kundizzjoni rizoluttiva tinghad dejjem bhala li giet maghmula fil-kuntratti bilaterali, fil-kaz li wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha”*, izda t-talbiet principali ta’ l-attur huma bazati fuq il-premessa li hu wettaq diversi xogholijiet strutturali *“skond diversi kuntratti ta’ appalt”*, u *kwindi* l-attur ma jistax, fl-istess nifs, jitlob hlas ta’ l-appalti li hu wettaq u wkoll ix-xoljimenti ta’ l-istess appalti. Talba ghat-thassir ta’ kuntratt b’kundanna ghal hlas tad-danni tista’ tkun koncepibbli, izda talba ghal ezekuzzjoni u xoljiment tal-kuntratt fl-istess nifs, ma hijiex guridikament ammissibbli.

“L-attur hu inkwetat li s-socjeta` konvenuta tista’ tqiesu passibbli ghall-hlas ta’ penali peress li ma lesthiex ix-xoghol dejjem sat-terminu prefiss; l-attur jghid li dan m’ghamlux peress li s-socjeta` konvenuta waqfet thallsu ghax-xoghol li kien qed jaghmel, u lanqas kienet qed tirrifondilu l-ispejjez li hu kien qed jinkorri. Is-socjeta` konvenuta mhiex, pero’, f’dawn il-proceduri, tallega la li l-attur, fil-fatt, ittardja fl-esekuzzjoni tas-sub-appalt, u lanqas li hemm xi penali dovuti lilha. Din il-Qorti, *kwindi*, ma tqies li ghandha tezamina l-kwistjoni li sallum hi merament ipotetika. La darba s-socjeta` konvenuta mhux qed titlob hlas ta’ xi penali, mhux lecitu ghal Qorti li tiddetermina l-gravam ta’ l-attur, li, *se mai,* tali penali ma

kienux ikunu dovuti ghax in-nuqqas ta' ezekuzzjoni fit-terminu prefiss huwa imputtabbli lis-socjeta` konvenuta. Il-meritu ta' din il-kawza hija biss it-talba ta' l-attur ghal-hlas ghax-xoghol li hu wettaq fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta; din il-pretenzjoni tirrizulta gustifikata, u l-Qorti trid tieqaf hawn, la darba l-kuntratti ta' appalti mhux qed jigu invokati mis-socjeta` konvenuta in sostenn ta' xi talba ghal penali.

"L-attur jitlob ukoll li d-direttur Chris Cachia jigi dikjarat personalment responsabbli ghad-dejn tas-socjeta` konvenuta u dana peress li, bhala l-persuna li kienet effettivament tmexxi l-kumpanija, huwa agixxa bi hsara ghall-kredituri b'mod li ghandu jinstab responsabbli ta' *"wrongful trading"*. L-attur qed jallega li l-konvenut Chris Grech ghandu jinstab personalment responsabbli ghal dan id-dejn peress li tqarraq bil-kredituri meta kompla jinnegozzja, u specifikatament, kompla jaghti appalti lill-attur, meta kien jaf jew kellu jkun jaf li s-socjeta` konvenuta ma kienetx fi stat li thallas l-obbligazzjonijiet taghha. Ghalkemm l-agir lamentat jista' jwassal ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita' personali ta' direttur, tali responsabilita' personali tista' tigi dikjarata biss waqt li kumpanija tkun fi process ta' stralc, u dana *a tenur* ta' l-artikolu 315 u 316 ta' l-att tal-1995 Dwar il-Kumpaniji (Kap. 386). Fil-fatt l-artikolu 316 jiddisponi illi l-Qorti tista' taghmel dikjarazzjoni ta' responsabilita' personali, minghajr ebda limitazzjoni, *"meta kumpanija tkun giet xolta u tkun insolventi u jkun jidher li persuna li kienet direttur tal-kumpanija kienet taf, jew kellha tkun taf qabel ix-xoljiment tal-kumpanija, li ma kienx hemm prospett xieraq li l-kumpanija setghet tevita x-xoljiment minhabba l-insolvenza taghha"*. Hekk ukoll hija l-pozizzjoni fl-Ingilterra minn fejn ahna adattajna l-ligi l-gdida dwar il-kumpaniji. Fil-ktieb "Farrar's Company Law" (Edit. 1998 pag. 739) jinghad li biex direttur jinsab responsabbli ta' *"wrongful trading"*;

*"The conditions are that the company has gone into insolvent liquidation, and it appears that the company continued trading after a point in time before the commencement of the winding up when the director knew*

*or ought to have concluded that there was no reasonable prospect that the company would avoid going into insolvent liquidation";*

"F'din il-kawza, l-attur ma ressaq ebda talba ghall-istralc tal-kumpanija konvenuta. L-attur seta' talab l-istralc taht il-provediment ta' l-artikolu 218 ta' l-indikat Kap. 386, u l-Qorti kienet tkun f'pozizzjoni li taghti l-ordnijiet opportuni ghal istralc tal-kumpanija u l-hlas tad-debiti taghha, inkluz, jekk ikun hemm bzonn, ordni taht l-artikolu 315 (responsabbilita' ghal kummerc bi frodi) jew taht l-artikolu 316 (responsabbilita' ghal kummerc hazin). Fin-nuqqas ta' talba ghal istralc, il-Qorti, pero', ma tistax tipprocedi b'dan il-mod mitlub.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi, mill-kawza billi tilqa' l-ewwel talba attrici kif dedotta, tastjeni milli tiehi konjizzjoni tat-tieni talba peress li hi intempestiva, u b'hekk tillibera lill-konvenut Chris Cachia personalment mill-osservanza tal-gudizzju, tilqa' *in parte* it-tielet u r-raba' talba attrici u tikkundanna biss lis-socjeta` konvenuta *Distinct Conversions Limited* thallas lill-attur is-somma ta' Lm12,423.72 (tnax il-elf, erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u sebghin centezmu) bilanc ta' prezz ta' xogholijiet ezegwiti mill-attur fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, u tichad il-hames talba attrici.

"L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta *Distinct Conversions Limited.*"

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETA` D LIMITED GIA` DISTINCT GROUP LIMITED U QABEL DISTINCT CONVERSIONS LIMITED (C-17785)</u>**

2.1. L-appell illi gie intavolat mis-socjeta` D Limited (gia` Distinct Group Limited u qabel Distinct Conversions Limited – C 17785) mis-sentenza hawn fuq riportata sar "limitatament u unikament" ghal dak li jirrigwarda s-sentenza kontriha.

2.2. L-aggravji tas-socjeta` in sintesi huma dawn li gejjin:-

(i) in-notifika tal-konvenut proprio et nomine permezz tal-procedura ta' affissjoni u wara permezz tal-pubblikazzjoni ma saritx regolarment u mhux skond l-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12. L-indirizz kien erronju.

Fic-cirkostanzi, il-kontumacja tas-socjeta` kienet wahda "gustifikata" u meta gie intavolat rikors dwar dan il-punt – tlett ijiem qabel ma nghatat is-sentenza appellata – l-ewwel Qorti messha laqghet it-talba tal-konvenut pro et nomine ghal fini ta' prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet. L-appellanti tghid inoltre illi "f'kull pass li ghamlet, is-socjeta` appellanta wriet bic-car li hija ghandha interess li tiddefendi l-istess kawza u l-interessi taghha".

(ii) Bla pregudizzju ghas-suespost, isem is-socjeta` konvenuta kien gie mibdul darbtejn, darba qabel il-prezentata ta' l-att tac-citazzjoni u darb'ohra wara l-istess prezentata, u l-attur messu nduna b'tali tibdiliet u agixxa allura kontra l-kumpannija konvenuta bl-isem korrett.

2.3. L-appellanti ghalhekk talbet ir-revoka tas-sentenza "limitatament u unikament f'dak li jirrigwarda l-kundanna tas-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm12,423.72c".

3. Jigi rilevat mill-Qorti li ma saret ebda risposta min-naha appellata. Barra minn dan, fil-mori ta' dana l-appell, din il-Qorti tat digriet, in data tad-29 ta' Frar 2008, li permezz tieghu, wara li ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, talbet kjarifiki ulterjuri min-naha ta' l-appellanti.

Dawn il-kjarifiki ulterjuri saru tramite dokumenti u affidavit min-naha tal-konvenut Chris Cachia bhala direttur tas-socjeta` D Limited (ara Dok A sa F fl-atti ta' l-appell).

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. L-appell tas-socjeta` D Limited, wiehed ta' indoli legali rigwardanti l-validita` o meno ta' notifika u l-istat ta' kontumacja tas-socjeta` konvenuta f'dawn il-proceduri, huwa essenzjalment mirat biex tigi riformata s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-ewwel grad u dan billi din il-Qorti

tirrevoka *in parte* l-istess sentenza in kwantu din taffettwa u tolqot lis-socjeta` appellanti. Jigi ghalhekk rilevat li ma sar ebda appell min-naha ta' Chris Cachia nomine li gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju u lanqas gie intavolat xi appell incidentali min-naha ta' l-attur appellat.

5. Qabel ma tinvesti l-meritu ta' dana l-appell, din il-Qorti thossha fid-dmir li tirrileva li l-procedura in ezami, hija kkaratterizzata minn element notevoli ta' negligenza min-naha tal-parti attrici, kif ukoll minn operat altament suspettuz da parti tal-konvenut proprio et nomine, kif ser jinghad aktar 'il quddiem.

6. Ikun utli qabel xejn li jinghata rendikont fil-qosor ta' l-iter procedurali tal-kawza minn punto di visto ta' notifika ta' l-att tac-citazzjoni b'riferenza ghaz-zewg konvenuti li gew originarjament imharrkin, jigifieri Chris Cachia proprio u s-socjeta` Distinct Conversions Limited (C-17785).

7. L-attur ipprezenta l-att tac-citazzjoni *de quo* fit-2 ta' Gunju 2003 kontra Chris Cachia f'ismu proprju u wkoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Distinct Conversions Limited. Jirrizulta pero` li in data tal-10 ta' April 2002 (jigifieri aktar minn sena qabel il-prezentata tac-citazzjoni), l-isem tas-socjeta` konvenuta gie mibdul ghal Distinct Group Limited (Dok A) – b'dana pero` li n-numru ta' registrazzjoni tas-socjeta` (jigifieri C – 17785) baqa' invarjat. Barra minn dan, l-indirizz registrat tas-socjeta` (kemm dik bl-ewwel isem u dak mibdul) baqa' wkoll invarjat jigifieri numru 25, Mdina Road, Zebbug, ZBG 05, Malta.

Fl-10 ta' Dicembru 2003, l-isem tas-socjeta` bin-numru tar-registrazzjoni C-17785 rega' inbidel (it-tielet isem) minn Distinct Group Limited ghal D Limited. Minbarra dan, l-indirizz registrat gie varjat minimalment billi sar numru 25B (minflok 25), fl-istess triq u rahal.

8.1. Evidentement jirrizulta li l-attur naqas milli jikkonsulta ruhu mar-Registru tas-Socjetajiet mmexxi mill-Malta Financial Services Authority qabel ma intavola c-citazzjoni tieghu, ghaliex li kieku ghamel hekk kien ikun

edott minn dan it-tibdil li sehh. Lanqas pero` ma jirrizulta li tali ezercizzju daqstant semplici ma sar fil-kors tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti minkejja li l-attur irriskontra intopp wara iehor ghalbiex jinnotifika lill-kontropartijiet konvenuti. Mill-atti jirrizultaw li saru bosta tentativi ta' notifika bil-posta registrata fl-indirizz 25B, Mdina Road, Zebbug, b'rizultati negattivi ("unclaimed") in data tas-6 ta' Awissu 2003 u in segwitu tal-15, 16 u 17 ta' Dicembru 2003, u dana wara li l-kawza kienet giet ikkancellata in data tal-21 ta' Novembru 2003, u wara li giet riappuntata mill-gdid fl-24 ta' l-istess xahar. Riferta negattiva ohra (ara fol 14, a tergo) li tixhed dan kollu ggib id-data tat-22 ta' Dicembru 2003.

8.2. Jirrizulta inoltre li l-attur appellat ipprezenta zewg rikorsi ghal fini ta' notifika wara l-hin legali, wiehed fit-28 ta' Novembru 2003 u iehor fid-19 ta' Jannar 2003, li gew akkordati. Jigi pero` hawn rilevat li l-attur biddel ukoll l-indirizz tal-konvenut proprio et nomine minn dak ta' 25B Mdina Road, Zebbug ghal dak ta' "Il-Musbieh", no 2, Triq it-Torri, Qrendi. Issa dana l-indirizz qatt ma ffigura bhala l-indirizz registrat tas-socjeta` konvenuta, filwaqt li Chris Cachia xehed (ara affidavit tieghu in data tal-14 ta' April 2008, fl-atti ta' l-Appell) li s-socjeta` D Limited ma kellha ebda konnessjoni ma' dana l-indirizz. Fil-fatt anki fl-indirizz tal-Qrendi r-riferti kienu negattivi meta saru wara l-hin legali.

8.3. Fil-5 ta' Frar 2004, imbaghad, l-attur talab u nghata fakolta` li jinnotifika lill-konvenut proprio et nomine permezz tal-procedura ta' l-affissjoni, b'dana pero` li dina giet effettwata (skorrettement) fl-indirizz tal-Qrendi. In segwitu, il-Qorti ta' l-ewwel grad mhux biss akkordat l-affissjoni imma saret ukoll notifika bil-procedura tal-pubblikazzjoni (ara fol. 27, verbal in data tas-6 ta' Mejju 2004) a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12. Din in-notifika permezz tal-pubblikazzjoni ma saritx fl-indirizz tal-Qrendi imma f'dak korrett, jigifieri f'numru 25B, Mdina Road, Haz-Zebbug (ara estratti) a fol. 26 u 30 tal-process). Dan mela jfisser li ankorke` sehhew tibdiliet fit-tismija tas-socjeta` konvenuta hija giet notifikata validament fl-indirizz tajjeb. Minbarra dan, l-okkju tal-

kawza li deher fil-pubblikazzjoni kien semplicement dak ta' "Theuma Brian v. Cachia Chris proprio et nomine" u kwindi kien wiehed korrett ukoll. Issa tajjeb li jinghad, ghax dan ukoll huwa importanti ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza, li dan Chris Cachia kien il-*factotum* ghal dak li jirrigwarda s-socjeta` konvenuta fl-istadji kollha taghha.

9. Skond il-Memorandum of Association (Dokument A, atti ta' l-appell) jirrizulta li d-direttur tas-socjeta` Distinct Group Limited li assumiet l-atti tas-socjeta` Distinct Conversions Limited – di fatti baqghet bl-istess numru ta' registrazzjoni mal-MFSA – kien proprju dan Chris (sive Christopher) Cachia bl-indirizz ta' "Il-Musbieh", 2, Tower Street, Qrendi. Mhux hekk biss, ghaliex jirrizulta inoltre li dan Christopher Cachia kien anke "company secretary" tas-socjeta`. Meta sehhet it-tieni bidla fl-isem tas-socjeta` konvenuta (it-tielet isem jigifieri) ghal D Limited, l-isem ta' Christopher Cachia gie akkorcjat ghal dak ta' Chris Cachia, filwaqt li fl-indirizz moghti tieghu *qua* direttur, kif ukoll "company secretary" tas-socjeta` l-isem tal-fond ("Il-Musbieh") gie eliminat u sar 2, Tower Street, Qrendi.

10. Ghalkemm huwa minnu li l-konvenut Chris Cachia proprio et nomine intavola rikors ghal fini ta' sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza tlett (3) ijiem biss qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza, l-ewwel Qorti kienet gustifikata li tichdu. Fir-rikors tieghu, tinghata biss raguni (?) wahda ghal fini ta' gustifikazzjoni tat-talba ghas-sospensjoni u ghall-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet jigifieri,
"illi n-notifika ta' l-esponenti saret permess (recte: permezz) tal-pubblikazzjoni f'post mil-liema l-esponent ilu nieqes hames snin."

Dan il-pretest lanqas ma huwa ghal kollox wiehed korrett ghaliex ir-rikors *de quo* (ipprezentat fil-11 ta' Ottubru 2004) sar f'isem Chris Cachia proprio et nomine u, kwindi, dan kien ifisser li l-imsemmi Cachia kien dakinhar qieghed jidher ukoll ghas-socjeta` konvenuta, irrispettivament mill-isem mibdul taghha. Fl-imsemmi rikors, il-konvenut proprio et nomine ma ta assolutament lanqas l-icken hjiel ta' informazzjoni dwar bdil fl-ismijiet tas-socjeta`

konvenuta. Minbarra dan, lanqas ma kien minnu li, ghal dak li jikkoncerna l-istess socjeta` konvenuta, kien hemm xi tibdil mill-indirizz registrat, jigifieri 25B, Mdina Road, Zebbug – l-istess indirizz li tnizzel ghal fini ta' notifika permezz tal-pubblikazzjoni – ara dokumenti a fol. 26 u fol 30 ta' l-istess datati 15 ta' April 2004 u 10 ta' Mejju 2004 rispettivament. Mill-ahhar data msemmija jirrizulta li sehhet notifika valida. Jekk il-konvenut nomine *qua* direttur u "company secretary" deherlu xort'ohra allura messu gab dan kollu a konjizzjoni tal-Qorti. Il-ligi tesigi li biex tigi notifikata validament socjeta` kummercjali tali notifika trid issir fl-indirizz registrat taghha bl-iskop evidenti li dan huwa l-ahjar lok fejn tali notifika tista' titqies li tkun wahda effettiva. Fil-kaz in ezami rrizulta li kull darba li sar tentattiv biex issehh in-notifika bil-procedura normali, l-ezitu dejjem kien negattiv. Anke r-"raguni" li l-konvenut Chris Cachia, prodott b'xhud, jaghti bl-affidavit tieghu hija wahda dubbjuza ghall-ahhar u, frankament, din il-Qorti m'hijiex konvinta mill-veradicita` taghha. Dan ix-xhud jghid hekk,
"Inoltre niddikjara illi jiena sirt naf bl-ezistenza ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta` D Limited ghaliex xi tlieta u erbat ijiem qabel ma nghatat is-sentenza appellata kont ghamilt 'search' fis-sit elettroniku tal-Qorti biex nara jekk kienx hemm xi proceduri legali kontra tieghi innifsi jew il-kumpannija D Limited u kien biss b'dan il-mod li sirt naf b'dawn il-proceduri ....."

Li l-imsemmi Chris Cachia skopra l-procedura "in corso" appena tlett (3) ijiem qabel ma nghatat is-sentenza hija dikjarazzjoni li din il-Qorti ssibha ferm improbabbli, kif lanqas tasal biex tifhem kif persuna toqghod tara l-atti tal-Qorti proprju biex tara jekk hemmx proceduri legali pendenti kontra taghha personalment jew kontra socjeta` kummercjali rapprezentata minnha. Jekk dan huwa minnu, din il-Qorti ikollha allura raguni valida biex tasal ghall-konkluzjoni li l-konvenut proprio et nomine kien diga` edott jew konsapevoli mill-fatt li kien hemm proceduri "in corso" sa minn qabel l-ahhar tlieta jew erbat ijiem mid-data li giet moghtija s-sentenza u li ma ha l-ebda passi rimedjali tempestivament. Darba li l-konvenut proprio et nomine kien daqstant "akkanit" li jfittex x'ikun ghaddej fil-

Qrati dwar proceduri "in corso", u tenut kont tal-fatt li f'perjodu ta' ghoxrin (20) xahar, is-socjeta` rapprezentata minnu biddlet isimha darbtejn, din il-Qorti thossha sorpriza li l-konvenut proprio et nomine ma ppruvax ifittex taghrif dwar proceduri li setghu ttiehdu wkoll kontra l-istess socjeta` bl-isem ta' qabel. Ghal kull buon fini tajjeb li jigi enfasizzat mill-gdid li n-numru tar-registrazzjoni tas-socjeta` baqa' invarjat, kif ukoll li l-indirizz registrat taghha (fejn sehhet in-notifika permezz tal-proceduria tal-pubblikazzjoni), ir-rapprezentant taghha u l-"company secretary" – jigifieri l-imsemmi Chris Cachia – baqghu l-istess.

11. Fl-ahharnett, hemm ostakolu procedurali iehor, wiehed ta' riljev, ghall-akkoljiment ta' l-appell interpost mill-appellanta, kif dedott. Fit-talbiet taghha, is-socjeta` konvenuta appellanta ma inkludietx talba *ad hoc*, b'kap separat, biex tappella wkoll mid-digriet moghti mill-Qorti in data tat-12 ta' Ottubru 2004 li fiha gie dekretat li l-konvenut proprio et nomine kien gie <u>notifikat validament</u> (ara wkoll l-Artikolu 229 (1)(m) tal-Kap. 12).

Din hija ommissjoni gravi. L-appell interpost hu espressament cirkoskritt ghat-talba fil-meritu rigwardanti biss is-socjeta` konvenuta u l-kundanna ta' Lm12,423.72 imposta fuqha mill-ewwel Qorti u ma jikkontjeni ebda talba specifika dwar l-imsemmi digriet (ara r-rikors ta' appell). Ironikament, l-aggravji kollha huma dwar il-pretiza invalidita` tan-notifika u l-gustifikazzjoni tal-kontumacja, u ma hemm proprju xejn dwar dak li gie deciz fil-mertu dwar it-talbiet ta' l-attur. Kjarament ghalhekk l-appell tas-socjeta` konvenuta ma jimmeritax li jigi milqugh ghax l-aggravji huma infondati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta bl-ispejjez relattivi ghal dan l-appell jigu sopportati interament minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------